**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni tal-Familja**

**Magistrat Dr Brigitte Sultana LL.D., LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Seduta 3 ta' Marzu, 2020**

**Rikors numru:- 1/2020 (BS)**

**L-Avukat Mario Scerri bhala mandatarju specjali tal-imsiefer FF**

**-vs-**

**GG**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' FF kif rapprezentat ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn espona:

*Illi l-partijiet FF u GG izzewgu fir-Rabat, Ghawdex fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju elfejn u hamsa (2005), liema zwieg jinsab registrat fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex, bin-numru progressiv tmienja u ghoxrin sbarra elfejn u hamsa (2005) - kopja esebita u markata 'A';*

*Illi minn dan iz-zwieg taghhom twieldu zewgt ulied, cioe' AA li twieldet fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru elfejn u sitta (2006) u Asia li twieldet fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru elfejn u disgha (2009), u ghalhekk ghadhom it-tnejn minorenni;*

*Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech tal-ghoxrin (20) ta' Lulju elfejn u sittax (2016) - kopja esebita u markata 'B' - u ghaldaqstant m'hemm l-ebda pendenza dwar qsim tal-beni bejniethom;*

*Illi l-partijiet ilhom jghixu separati minn xulxin u lhom ma jikkoabitaw flimkien sa minn qabel ma gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni u lhom ghal aktar minn erba' (4) snin jghixu ghal rashom u jghixu hajjithom b'mod separat minn xulxin. L-esponenti jiddikjara li ma hemm ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni bejniethom u llum kemm hu kif ukoll l-intimata ghandhom relazzjoni ma' haddiehor;*

*Illi l-esponenti Ragel ma ghandu jhallas ebda manteniment lil martu u l-obbligu tal-manteniment lejn uliedu qed jithallas regolarment u m'hemm ebda hlasijiet b'lura x'jaghmel.*

*Illi l-partijiet jissodisfaw il-kriterji mposti mill-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billi:*

- *(i) Ghaddew aktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni de facto;*
- *(ii) Ma hemm l-ebda prospett ragonevoli lanqas remot ghal rikonciljazzjoni bejniethom; u*
- *(iii) Ma hemm l-ebda obbligu ta' hlas ta' manteniment lejn l-intimata personalment, u l-obbligu tal-manteniment tal-ulied jinsab imhallas kollu u qed jithallas regolarment;*

Ghaldaqstant umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. *Tordna illi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju elfejn u hamsa (2005), jigi mahlul ghal kull effett u fini tal-ligi;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali (Ghawdex) sabiex fi zmien li jigi ffissat minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Ghawdex bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku tal-post fejn kien sar iz-zwieg, u dan taht kull provvediment iehor meqjus xieraq u opportun fic-cirkostanzi.*

Rat ir-risposta ta' l-intimata li biha tiddikjara li mhux topponi t-talba ghad-divorzju izda ma ghandhiex tbati l-spejjez.

Rat illi fil-waqt illi ir-rikorrent fir-rikors guramentat ikkonferma illi l-partijiet ilhom mifrudin ghal aktar minn erba' snin, m'hemmx tama ghal rikonciljazzjoni u lanqas hemm pendenzi bejniethom, l-istess dikjarazzjoni guramentata saret mill-intimata seduta stante.

Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-partijiet kif debitament rapprezentati mill-avukati rispettivi taghhom illi ma hemmx pretensjonijiet partimonjali bejn il-partijiet.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha.

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-kundizzjonijiet mehtiega ghad-divorzju gew kollha sodisfatti. Infatti rrizulta li filwaqt li l-partijiet isseparaw bonarjament b'kuntratt pubbliku fl-atti tan- Nutar Kristen Dimech fis-sena 2016, huma kienu lhom separati u jghixu ghal rashom qabel is-separazzjoni formali. Irrizulta b'mod car minn dak li qalu l-partijiet li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli li jirrikonciljaw.

Rat illi fl-istess kuntratt ta' separazzjoni il-partijiet iddikjaraw illi m'ghandhom jithallsu ebda alimenti lil xulxin u ghalhekk irrinunzjaw reciprokament ghal kull dritt ghall-alimenti spettanti li xi parti kontra l-ohra u ghalhekk jirrizulta li llum ma hu dovut l-ebda manteniment lill-parti jew ohra skont il-ligi.

Rat illi fir-risposta taghha l-intimata mhux qed topponi t-talba.

**Decide.**

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna illi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju, elfejn u hamsa (2005) huwa mahlul ghal kull effett u fini tal-Ligi u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur